**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 - L-ERBGĦA 18 TA' NOVEMBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (wasal 17:51) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook.*

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillier Cuomo li INFURMAT LI MINĦABBA KWISTJONI TA' VULNERABILITÀ DWAR COVID 19, ma setatx tattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħha bħala ġustifikata.

## 2. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA

2.1. Il-Kunsill qabel li tinbidel l-ordni tal-agenda biex jiddiskuti suġġett nr. 3 fuq l-aġenda qabel suġġett nr 2. Il-laqgħa tkompliet skont kif muri f'dawn il-minuti.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2. Fis-26 ta' Ottubru s-Sindku kellha laqgħa mas-Supretendent u s-Surġent tal-Pulizija fejn ġie diskuss l-immaniġjar tat-traffiku ħdejn il-Higher Secondary kif ukoll rigward is-sewqan eċċessiv fi Triq il-Kosta u toroq oħra ġewwa l-lokalità.

3.3. Dan il-ħin wasal il-Kunsillier Brincat il-ħin kien 17:51.

3.4. Fil-5 ta' Novembru s-Sindku kienet parti mill-Bord tal-Ippjanar rigward l-iżvilupp tal-parkeġġ tad-Tradefair (PA/09524/19). L-iżviluppatur intbagħat lura biex jimmodifika l-pjanti.

3.5. Fit-12 ta' Novembru saret laqgħa mal-UIF Funding Unit rigward il-finanzjament għall-mekkaniżmu tal-mitħna. Kienet laqgħa posittiva u l-Kunsill għandu jibgħat l-ispejjeż kollha. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll membru mill-amministrazzjoni.

3.6. Fit-12 ta' Novembru saret laqgħa tal-Kiosk Sub Committee. F'din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku, l-Kunsillieri Spiteri, Brincat, Gatt, Deguara kif ukoll membru mill-amministrazzjoni.

3.7. Fit-12 ta' Novembru s-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana u ġie diskuss dan li ġej:

3.7.1. Mis-sena 2022 ir-Reġjun ser jinbidlu f'6 Reġjuni minflok 5.

3.7.2. Meta jinħoloq is-6 Reġjun l-iskart ser isir ir-responsabiltà tar-Reġjun.

3.7.3. Se tinħareġ sejħa għall-offerti Reġjonali biex isiru r-risk assessments.

3.7.4. Se ssir konferenza fl-20 ta' Novembru ġewwa l-lukanda Dolmen biex tiddiskuti l-pjan tar-Reġjun.

3.7.5. Se jsir kalendarju Reġjonali.

3.7.6. Sar suġġeriment biex ikun hemm timed parking fejn hemm ħafna ħwienet.'

3.7.7. Sar suġġeriment biex il-websajt tar-Reġjun tkun aktar aċċessibbli.

3.7.8. Kien hemm proposta għal xiri ta' vann elettriku li jiswa €40,000 u biex ikun modifikat għall-aċċessibiltà trid iżżid €12,000. Kien hemm min issuġġerixxa li aħjar jinkera s-servizz għax jiġi irħas u kif ukoll sabiex issir Private/Public Partnership. Dan is-servizz se jingħata mir-Reġjun Tramuntana.

3.7.9. Il-BRO issa ġew BCA – L-uffiċċju jkun miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7:00am sat-3:00pm u wieħed jista' jirraporta fuq 22927608 jew 22927741 jew fuq imejl: complaints@bca.org.mt

3.8. Is-Sindku infurmat li l-iscouts qed jorganizzaw attivitajiet ġewwa l-Ġnien fi Triq l-Imħalla. Huma offrew li jagħmlu *community event* billi jiżbgħu l-bankijiet tal-ġnien. Il-Kunsill xtara ż-żebgħa u l-affarijiet li għandhom bżonn u se jibdew dalwaqt.

3.9. Rigward il-punti tal-Kumitat tal-Festa ser jiġu diskussa fis-sottokumitat tas-suġġerimenti u l-ilmenti.

## 4. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI

4.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

4.2. Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem com* wara proposta mill-Kunsillier Abela ssekondata mill-Kunsillier Gaffiero.

4.3. Kienu s-17:56 u fuq talba tal-Kunsillier Brincat intfew il-mikrofoni biex il-Kunsill jiddiskuti b'mod privat fuq xi pendenzi dwar il-mitħna

4.4. Fis-18:25 il-mikrofoni reġgħu ġew mixgħula.

4.5. Arising minn para. 2.3 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Gatt dwar jekk kienx hemm xi żvilupp. Il-Kunsillier Gatt spjega li qed jistenna risposta mingħand Dr Zammit u l-iskola.

4.6. Arising minn para. 2.5 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lil Kunsill rigward l-għalqa tal-Ġiżwiti li Infrastructure Malta ma jridux jagħmlu bankina minħabba l-area mhux żviluppata u wkoll iriduha bħala safetyvalve f'każ ta' għargħar. Dan

minkejja li għamlu pajpijiet għall-storm water wesgħin jista' jagħti l-każ li jiġu mumenti li l-ilma ma jlaħħaqx u għalhekk l-ilma jiskula għall-għalqa. Se jingħata priorita il-passaġġ pedonali sabiex il-Kunsill iħeġġeġ lin-niex biex jimxu.

**5. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

5.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

6.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

6.2. Il-Kunsill approvahom *nem com* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara. Dan jinkludu l-lista tal-pagamenti **(immarkata Seduta tal-Laqgħa nru. 8/20)** kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-Petty Cash. Dawn huma annessi f'appendiċi A, B, Ċ u D rispettivament.

6.3. Il-Kunsill approva *nem com* li jagħti l-kuntratt tal-accountancy b'ordni diretta għal sena oħra lis-Sinj. Romina Perici Ferrante. L-ammont huwa permessibbli bir-regolament finanzjarji u ngħata għaliex il-Kunsill dehrlu li l-prezz huwa raġonevoli u ma jagħmilx sens li jibdel l-accountant meta x-xogħol isir tajjeb ħafna.

6.4. Il-Kunsill approva *nem con* nefqa sa massimu ta' €500 biex jinxtraw dekorazzjonijiet tal-Milied fil-bini tal-Kunsill.

**7. MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

7.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fit-28 ta' Ottubru 2020 (anness f'appendiċi E).

7.2. Il-Kunsill approva l-minuti *nem com* wara proposta mill-Viċi Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

**8. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

8.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-sottokumitat Talbiet u Lmenti li saret fit-28 ta' Ottubru 2020 (annessi f'appendiċi F).

8.2. Il-Kunsill approva l-minuti *nem com* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

**9. L-ESTIMI FINANZJARJI**

9.1. Is-SE spjega li bħalissa flimkien mal-accountant għaddejin bl-aħħar dettalji finanzjarji biex ikunu ppreżentati l-estimi finanzjarji.

9.2. Sa dak inhar il-Kunsill kien għadu ma jafx eżatt kemm se tkun l-allokazzjoni mill-Gvern.

9.3. Is-SE spjega li bħala dhul u infiq naqas minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

9.4. Is-SE informa lil Kunsillieri li se jibgħatilhom abbozz tal-estimi tas-sena dieħla kif jiffinalizzah iżda fakkar li dan irid ikun l-ewwel imressaq għall-pubbliku f'laqgħa apposta.

**10. IL-PJAN TA' TLIET SNIN**

10.1. Is-SE talab lill-Kunsillieri biex iresqu l-ideat tagħhom biex ikun jista' jiffinalizza l-pjan għat-tliet snin li ġejjin. Fakkar li dan isir kull sena billi titwaqqa l-ewwel sena ta' dak preċedenti u jiġi addattat għat-tliet snin li jkunu ġejjin.

**11. LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITÀ – ESTIMI FINANZJARJI**

11.1. Il-Kunsill approva (nem com) li l-laqgħa tal-lokalità ssir on-line u l-pubbliku jipparteċipa wkoll online.

11.2. Kien hemm qbil li d-data tal-laqgħa tkun l-Erbgha 9 ta' Diċembru fis-7:00p.m.

**12. OFFERTI GĦAX-XOGĦOL TAL-MEKKANIŻMU TAL-MITĦNA**

12.1. Is-SE ippreżenta r-rapport tal-Evalwazzjoni anness f'appendiċi Ġ.

12.2. Huwa spjega li minħabba li l-ammont tal-mekkaniżmu ġie aktar mir-rata li kien stmat mingħand il-Perit, il-Managing Authority infurmat lil Kunsill li għalissa ma jistgħux jagħtu iżjed fondi.

12.3. Il-Kunsillier Brincat issuġerixxa li tkun esplorata l-possibiltà tal-proċedura magħrufa bħala *negotiation procedure.*

12.4. Is-SE flimkien mas-Sindku u rappreżentant mill-amministrattiv kellhom laqgħa ma' tal-UIF tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn ġie diskuss il-problema ta' fondi. Din il-laqgħa kienet posittiva. Il-Kunsill se jżomm kuntatt magħhom.

12.5. Wara diskussjoni l-Kunsill dehrlu li l-fatt li l-uniċi żewġ offerenti tefgħu offerta pjuttost viċin bħala prezz, allura jidher li l-istima tal-perit kienet baxxa wisq. Qabel ukoll li dan huwa xogħol li ma jistax ma jsirx għaliex huwa parti integrali mill-proġett u jekk xi ħaġa ma ssirx kif ikkuntratta mal-Managing Authority allura l-possibiltà li l-Kunsill jitlef il-flus kollha tal-proġett hija kważi ovvja.

12.6. Finalment il-Kunsill qabel li jsir tentattiv mal-offerent forsi b'xi mod jista' jnaqqas il-prezz u eventwalment jingħata l-kuntratt.

**13. RANDIKONT TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI**

13.1. Is-Sindku infurmat li s'issa rċiviet tliet rapporti biss, mingħand il-Kunsillieri Gatt, Brincat u Deguara.

**14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

14.1. Il-Laqgħa ntemmet fit-19:45.

14.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru fil-17:30 b'aġenda kemm jista' jkun qasira minħabba li wara jkun hemm il-laqgħa tal-lokalità.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |